# XOGĦLIJIET ARTISTIĊI FIL-KNISJA PARROKKJALI TA' SAN SEBASTJAN - TIFSIRA PERSONALI



**L-Induratura ta' l-Istatwa Titulari (1986)**: Meta l-kappillan tani l-inkarigu biex nagħmel id-disinji u nidħol responsabbli għall-linja artistika li biha kellu jitmexxa x-xogħol ta' l-induratura, dan l-inkarigu ħadtu bil-kundizzjoni li l-istatwa hekk artistika ta' San Bastjan, oriġinata u skolpita fl-injam mill-Professur Ġorġ Borg, ma tiġix minsusa jew ikkorreġuta kif xtaqu x'uħud, iżda tibqa' fidila għall-valuri artistiċi ta' l-iskultura oriġinali. L-ewwel nett irrid ngħid li jiena, bħala artista, naqbel mal-ħsieb ta' Ġorġ Borg li l-istatwa kellha tibqa' injam u mhux indurata biex hekk jitgawdew iżjed il-valuri sensittivi ta' l-iskultura fl-injam. Iżda f'pajjiżna l-istatwi titulari huma aċċettabbli biss jekk ikunu ndurati u kkuluriti u ma nafx x'jista' jsir biex tikkonvinċi lill-poplu.

Irrid ngħid ukoll li l-induratura hi waħda mill-friegħi artiġjanali li joħorġu mill-arti, allura jiena nifhem li aħna l-artisti nistgħu nikkreaw 'opera d'arte' bl-artiġjanat ta' l-induratura. Għaldaqstant studjajt sewwa l-arti Rumana ta' l-epoka li fiha għex San Bastjan. Minn disinji ta' pavimenti bil-mużjak ikkreajt il-bizzilletta tal-mant minn naħa ta' barra kif ukoll ta' l-inforra. Minn skultura ornamentali, fl-irħam, sawwart id-disinn tax-xabla u l-iżjed disinji li qegħdin jiddominaw il-mant minn naħa ta' barra. Ta' l-inforra sawwarthom minn stoffa ta' purtieri pinġuti f'affreski Rumani. Rajt ħafna fuq l-uniformijiet ta' suldati u ta' uffiċċjali ta' l-imperu Ruman ta' matul is-sekli, iżda sibt li fl-ebda seklu Ruman l-uniformijiet tas-suldati kienu ddekorati b'xi disinji tad-deheb. Jien użajt it-talent artistiku kollu biex noħloq dekorazzjoni ta' stil Ruman biex tkompli tinforza l-qawwa dinjituża ta' l-istil Ruman li fiha l-istatwa.



**Il-Friż (1988):** Għall-friż ippreparajt disinji ornamentali ta' stil Romanesk. Kull parti huwa disinn varjat iżda fuq armonija kontinwa u stil vast biex ikun jista' jitgawda u jinqara ċar il-kontorn tal-kompożizzjoni tad-disinn kollu minn isfel għall-għoli li tinstab il-bizzilletta.

Biex ma noqgħodx insemmi d-dettalji kollha fix-xogħolijiet li ħdimt u qed naħdem fil-knisja, inklużi s-slaleb tal-konsagrazzjoni (1988), ngħid li qed nagħmel ħilti kollha biex inżomm armonija ta' dekorazzjoni nadifa, nżomm l-istil tiegħi personali u fl-istess ħin nirrispetta l-istil Romanesk tal-knisja.



**It-Tabernaklu (1983)**: It-Tabernaklu fil-knisja għalija jfisser iċ-ċentru u l-attrazzjoni prinċipali tal-knisja. It-twemmin tagħna tas-Sagrament fl-Ostja huwa purament astratt. Għal dan il-għan, immaġinajt li nikkrea l-iskultura ta' Tabernaklu b'moviment ta' linji triangulari li jispiċċaw fi tliet fjammi u fl-istess ħin irnexxieli nagħmel moviment ħaj tielgħa 'il fuq fl-infinittiv. Fil-bieba li qiegħda ċentrata f'din il-kompożizzjoni ta' skultura astratta kkreajt tliet forom magħqudin flimkien f'ċentru wieħed. B'dan kelli f'moħħi t-tliet persuni f'Alla wieħed taħt forma astratta. Fuq kollox, bl-iskultura tal-bronze flimkien ma' l-irħam aħmar, ridt inwaqqa' silenzju ta' devozzjoni fil-kappella tas-Sagrament. Is-Sacrarium (1988), fejn jinżammu ż-żjut imbierka, hu disinjat fuq l-istess stil biex jikkumplimenta t-Tabernaklu.

**L-artal (1987)**: L-importanza ta' l-artal fil-knisja hu bħala medja li sservi għall-funzjoni tas-sagrifiċċju tal-quddiesa. Għaldaqstant jiena nifhem li għandu jkun sempliċi, biex ma jiġbidx attrazzjoni iżjed mill-iskop tal-funzjoni tiegħu. Iżda fl-istess ħin, waqt li ma tkunx qiegħda ssir il-funzjoni, għandu jidher estetikament bħala oġġett sabiħ għax qiegħed fiċ-ċentru tal-knisja. Il-messaġġ li ridt inwassal f'dan l-artal huwa: "Frott id-dielja, xogħol il-bniedem". B'mod sempliċi għamilt forma ta' Sarkofago xxuxxat 'il fuq, fuq żewġ saqajn tal-



bronze b'dekorazzjoni tal-qamħ u d-dielja. Fil-faċċata, is-salib li huwa Kristu li minnu ħierġa l-fergħa tad-dielja: il-bidu ta' Knisja ġdida.

**Kristu Msallab (1988) u l-Prospettiva:** F'din il-prospettiva hekk kbira l-ewwel ħsieb li kelli kien biex nevita d-dawl dirett f'wiċċ il-poplu li ma jkunx jista' jsegwi l-funzjoni. B'hekk id-dawl tat-tieqa baqa' jiffunzjona b'mod indirett, idawwal it-tond ta' l-apside. Id-disinn tal-prospettiva fl-irħam hija kompożizzjoni triangolari li tifforma rivoluzzjoni ta' moviment ġdid. Din l-idea ta' disinn tista' tiġi nterpretata fl-immaġinazzjoni ta' kull individwu b'diversi sinifikati. Waqt il-mewt ta' Kristu saret maltempata kbira u fl-istess ħin isservi bħala l-moviment ta' bidu ta' Knisja ġdida. Is-salib fil-prospettiva jifforma tliet islaleb imposti fuq xulxin; b'dan jien ridt nissinifika li, f'waqt maltempata ta' beraq, is-salib beda jimmoltiplika bid-dellijiet u fl-istess ħin wieħed jista' jinterpretah ukoll bħala tliet islaleb fuq il-Golgotha. Il-figura ta' Kristu Msallab immodellajtha fuq studju mill-veru b'interpretazzjonijiet artistiċi li jissinifikaw elementi simboliċi. Per eżempju, il-figura kbira ta' Kristu tiddomina s-salib. Il-pali ta' l-idejn miftuħa ħerġin 'il barra, li filwaqt li fihom sinifikat ta' tbatija li qegħdin jerfgħu l-piż tal-ġisem imdendel, fl-istess ħin jissinifikaw ukoll ir-riżurezzjoni. Il-modellatura tal-ġisem kollu ta' Kristu hija ta' anatomija li sofriet u fl-istess ħin ta' ġisem mistiku. B'dan kollu jien nifhem li wassalt il-messaġġ li xtaqt li npoġġi lil Kristu kap tal-Knisja jiddomina fil-faċċata, rebbieħ.





**L-Ambone (1987):** Fl-ambone fittixt li nżomm armonija fl-istil arkitettoniku tal-knisja kif wieħed jista' jinnota mil-linji vertikali ta' l-erba' pilastri ta' taħt il-koppla. L-ambone huwa kompost minn linji vertikali li jispiċċaw b'dekorazzjoni ta' 'cubes'. Dawn il-'cubes', li jinstabu anke fl-artal, għalkemm huma nterpretati fi stil skultoriku kontemporanju, huma elementi misjuba fl-arkitettura Romaneska.



**Il-Via Sagra (1986):** Fil-Via Sagra l-ewwel li studjajt huwa kif ser nagħmel massa ta' figuri bi proporzjoni raġonevoli mal-konfront ta' l-għoli tal-knisja. Id-diffikultà kienet li kont marbut mal-wisgħa tal-pilastri. Għaldaqstant solvejt il-problema billi żammejt l-istazzjonijiet f'kompożizzjoni ta' figuri vertikali. L-attrazzjoni li tfajt fil-Via Sagra hija li tajt importanza assoluta lill-figura ta' Kristu u lis-salib. Żammejt armonija bejn l-erbatax-il-stazzjon billi nterpretajt kompożizzjoni bi tlett figuri. It-titlu ta' kull stazzjon jikkorrespondi ma' l-espressjonijiet ta' l-uċuħ u l-movimenti tal-figuri. B'hekk, kull stazzjon qed iwassal messaġġ kontinwu tal-passjoni ta' Kristu.

***John Bonnici***